# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-16-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar 2016 fis-6.15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużat** | |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |

**16/01** **Talba**

**16/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba.

**16/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 15**

**16/02/01** Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti.

**16/03** **Punti mtella' mill-Minuti 15**

**16/03/01** **Para 15/03/02:** Ġiet ffinalizzata l-BOQ ta' Ġnien Żagħruna u din għandha tiġi sottomessa lill-MEPA bħala applikazzjoni għall-fondi UIF. Ġie deċiż ukoll li ssir talba lill-Perit tal-Kunsill biex issir ukoll pjanta mal-applikazzjoni.

**16/03/02** **Para 15/03/05:** Saret laqgħa mal-kuntrattur Signmark, u dan għandu jirrivedi l-kontijiet tiegħu skont ir-rati sottomessi fit-tender.

**16/03/03** **Para 15/03/08:** Kien hemm diskussjoni fuq ir-rakkomandazzjoni ta' TM rigward Triq San Ġwann. Ġie deċiż li teħel bollard fi Triq San Ġwann u tnejn fi Triq San Bartilmew.

**16/03/04** **Para 15/03/07:** Kien hemm qbil unanimu fuq l-istima tal-WD, 232 Ewro, biex isir major patching bil-konkos fi Sqaq il-Ħofra.

**16/03/05** **Para 15/03/08:** Il-Kunsill innota stima ġdida tal-Perit għax-xogħlijiet fi Triq Caravaggio.

**16/03/08** **Para 15/03/11:** Il-Kunsill innota li l-applikazzoni għal bozza ġdida fi Triq Żagħruna għadha pendenti.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**16/03/08** **Para 15/08/02:** Kien hemm diskussjoni rigward il-kundizzjoni li qed tkun il-public convenience. Ġew innutati n-numru ta' default notices li ntbagħtu. Għandhom jiġu vverifikati l-kundizzjonijiet f'din it-tender u jiġi tterminat il-kuntratt.

**16/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**16/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati dawn il-pagamenti. Kien hemm qbil unamimu wkoll fuq il-lista tal-petty cash. Rigward il-kont pendenti ma St Albert Ironmongery l-Agent S.E. ghad irid jivverifika l-hlasijiet mitluba.

**16/05** **Rapport Amministrattiv**

**16/05/01** Kien hemm hemm diskussjoni dwar ir-Rapport Amministrattiv. Kien hemm qbil unanimu li jiġi approvat dan ir-rapport.

**16/08** **Estimi Finanzjarji 2016**

**16/08/01** Kien hemm diskussjoni rigward id-draft Estimi Finanzjarji.. Kien hemm qbil unanimu li jiġi approvat dan il-Budget.

**16/07** **Performance Bonus**

**16/07/01** Ġie innutat li l-Performance Appraisals tal-iStaff u tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv ma kinux ghadhom lesti. Ġie deċiż li dawn jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss għal konsiderazzjoni tal-Kunsill.

**16/08** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**16/08/01** 18116080240009 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex issir traffic hump oħra fi Triq Caravaggio. Kien hemm qbil li din m'għandiex issir.

**16/08/02** Is-Sur Christopher Fenech ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq Stiefnu Zerafa kantuniera ma' Triq Fra Dominku Mifsud jista' jinħoloq parkeġġ jekk jonqsu d-double yellow lines li hemm. Ġie deċiż li din tiġi riferuta lil TM għal konsiderazzjoni tagħhom.

**16/09** ***Korrispondenza***

**16/09/01** Ġiet innutata Memo 1/2016 – Rapport tal-Uffiċċju tal-Verifika (NAO).

**16/09/02** Ġiet innutata korrispondenza rigward Lifestyle Clinic Brief to Local Councils.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**16/09/03** Ġiet innutata Ċirkolari AKL 2/2016 – Proċeduri Ġodda Marbutin mat-Twaħħil ta' Bozoz.

**16/09/04** Kien hemm diskussjoni dwar pjanti ġodda mill-Perit tal-Kunsill rigward twessiegħ ta' parti minn Triq il-Ġnien. Kien hemm qbil fuq dawn il-pjanti. Dawn ser jiġi ippreżentati lil TM.

**16/09/05** Kien hemm diskussjoni rigward ittra ta' riżenja tas-Sinj. Martha Scicluna. Ġie deċiż li jsiru l-proċeduri biex tiġi ngaġġata skrivana oħra.

**16/09/06** Gie innutat li korrispondenza li kienet waslet minghand il-MEPA ma kinitx gie ippreżentata lill-Kunsill.

**16/10** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**16/10/01** Is-Sur Giljan Aquilina tkellem fuq:

**10/01/01** Żewġ clean ups li saru u li fihom tneħħa 3 tunnellati skart. Din is-sena saret is-siġra tal-Milied għall-ewwel darba fil-pjazza.

**10/01/02** Saru diversi laqgħat inkluż mal-Onor Chris Aguis rigward tax-Xwieki, mal-Perit tal-Kunsill u mal-kuntrattur Signmark. Ġie innutat ukoll li korrispondenza rigward rotot għandhom jiġu ndirizzati lil TM u mhux lil MPT. Il-Kunsill iddiskuta d-diversi ilmenti li qed jidhlu rigward it-trasport pubbliku u gie deċiż li issir laqgha ma TM.

**10/01/03** Ġie innutat li beda x-xogħol ta' resurfacing fi Triq Fra Dominku Mifsud u xogħol ta' patching bil-konsos fi Sqaq il-Ħofra. Saru ukoll it-toqob ta' quddiem il-ground.

**10/01/04** Għandha ssir żjara fil-ġibjun fi Triq il-Mitħna halli naraw jekk hu vijabbli li tintalab id-devoluzzjoni tieghu jekk dan propjeta' tal-Gvern. Ġie deciż li ssir laqgħa ta' diskuzzjoni fi Frar kif ukoll issir il-laqgħa annwali fl-4 ta' Frar 2016 fis-7.00pm. L-Agent S.E. ghandu jiehu hsieb l-avvizi fil-gazzetti lokali dwar il-Laqgha tal-Lokalita'.

**10/01/05** Ġie deċiż li jingħata memento lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni Presepju Nazzjonali li hu mill-Għargħur.

**10/01/06** Kien hemm diskussjoni rigward it-tberik tal-annimali fl-1 ta' Mejju 2016. Għandu jsir kuntatt mas-Sur Bertu Pullicino u l-Kunsill jisponsorja s-servizz tal-iscouts għall-okkażjoni.

**10/01/07** Ġie innutat li dalwaqt ser jiġi ppubblikat il-fuljett tal-Kunsill, u huwa importanti li l-artikli jkunu lesti fil-ħin.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**10/01/08** Ġie deċiż li jitqabbad kuntrattur biex iwaħħal it-3 bins, li ngħataw minn MC Donalds, fi Triq Għaxqet l-Għajn. Dan sar wara diskussjoni minn naha tas-Sindku mal-Management ta' dan l-istabbilment. Is-sindku fakkar li saru madwar tlett laqghat biex setgha jinstab ftehim u biex gie muri li stabbilment li qieghed jafetwa l-lokal, ghandu jghin biex itejjeb il-livell ta' ghajxien fl-istess lokal. Qieghed isir ukoll tindif imhallas mill-McDonalds kull nhar ta' Hadd. Dan qieghed isir bi spiza ta' 15 il-euro fil-gimgha. Il-management tal-istabilment ha hsieb li jsib il-persuna li ser tnaddaf u l-kunsill mhux ser jidhol f'ebda kuntratt ma' min ha jkun qieghed inaddaf. Din ser tkun inizzjativa ta' stabilment privat biex tghin lill-kommunita' Gharghurija.

**10/01/09** Ġie deċiż li jinqata' l-ħaxix ħażin fit-toroq mhux urbani.

**16/10/02** Is-Sur Mario Gauci tkellem fuq il-proċeduri ġodda biex isiru transfers bejn il-kontijiet tal-Kunsill mal-HSBC. Wara diskussjoni, ġie deċiż li jinfetaħ kont bankarju ġdid mal-APS.

**16/10/03** Is-Sur Carl Grech tkellem fuq il-Party tal-Milied tal-anzjani, u ġie innutat is-suċċess. Tkellem ukoll fuq il-Coffee Morning li għandu jiġi organizzat fit-12 ta' Jannar 2016.

**16/10/04** Is-Sur Christopher Fenech tkellem fuq il-possibbiltà li jsir ġemmellaġġ ma' Frugarolo fl-Italja. Hu nforma lill-Kunsill li ġie ppreżentat 800 Ewro lill-Community Chest Fund, li ġew minn attività tal-Kunsill. Hu ppreżenta irċevuta wkoll. Is-Sur Fenech informa lill-Kunsill li għandha ssir ħarġa kulturali fis-26 ta' Jannar 2016 u għandha ssir attività tal-Karnival fit-8 ta' Frar 2016 fil-pjazza.

**16/10/05** L-Agent S.E. informa li ghadu qed isewgu reimbursement mid-DLG ghall-hlasijiet li saru mill-Kunsill lil Melita Cable kif ukoll reimbursement mill-Paying Agency ghax-xoghol li sar taht skema Measure 125.

**16/11** **Aġġornament**

**16/11/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.30 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Hamis, 4 ta' Frar 2016 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |